## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 22/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Vincent Cucciardi**

**Illum 30 ta' Jannar,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Vincent Cucciardi** detenur tal-karta tal-identita Maltija **112877M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. **Fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Settembru 2022**, minn ġewwa **Triq l-Ibraġ, Safi**, ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KBI 063 tal-għamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' **Safi Dahrouj** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. **Nhar is-27 ta' Settembru 2022, f'xi ħin bejn 00.00 hrs u s-02.30 hrs** minn ġewwa **Print Right, Triq l-Industrija, Qormi** ikkommettew serq ta' *cigarette*

*vending machine* u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Gaetano Buttigieg u Clinton Bajada** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Gaetano Buttigieg u Clinton Bajada** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

4. **Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Settembru 2022** minn ġewwa **Triq il-Milied, Qormi** ikkommettew serq ta' pjanċi ta' vettura Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni BBO 295, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Pierre Micallef** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

5. **Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Settembru 2022** minn ġewwa **Ta' Xmun, Triq Ġużè Orlando, Birkirkara** ikkommettew serq ta' *cigarette vending machine* u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Ronald Borg u Clinton Bajada** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

6. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Ronald Borg u Clinton Bajada** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

7. **Fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Ottubru 2022** minn ġewwa **Triq Ġużeppa Micallef, San Ġwann** ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta'

reġistrazzjoni LCJ 012 tal-għamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu ((€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Peter Ray Portelli** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

8. **Nhar is-7 ta' Ottubru 2022, f'xi ħin bejn is-01.30 hrs u t-03.30 hrs** minn ġewwa **Convenience Shop, Triq Ġużè` Orlando, Birkirkara** bil-ħsieb li jagħmlu delitt, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin, għad-dannu ta' **Andrew Attard** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

9. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Andrew Attard** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

10. **Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Ottubru 2022** minn ġewwa **Triq il-Kampanella, San Ġwann** ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBP 706 tal-għamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Raymond Cutajar** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

11. **Fil-lejl ta' nhar l-10 ta' Ottubru 2022** minn ġewwa **Azul Step N Cafe, Wied iż-Żurrieq, Qrendi** ikkommettew serq ta' *cigarette vending machine* u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)

u dan għad-detriment ta' **Glen Galea u Christope Cutajar** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

12. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Glen Galea u Christope Cutajar** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

13. **Fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2022** minn ġewwa **Triq Ward il-Hena, San Ġwann** ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DAT 183 tal-għamla Isuzu, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Stephen Pelham** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

14. **Fil-lejl ta' nhar l-4 ta' Novembru 2022** minn ġewwa **Bella Roma Caffe`, Triq is-Salini, Marsascala** ikkommettew serq ta' *cigarette vending machine* u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Anisa Ippolito, Marcello Ippolito u Jean Claude Abela** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

15. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Anisa Ippolito, Marcello Ippolito u Jean Claude Abela** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

16. **Fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Novembru 2022** minn ġewwa **Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar** ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HNS 004 tal-għamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Franco Farrugia u Hansa Wines and Spirits Ltd** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

17. **Nhar it-8 ta' Novembru 2022, f'xi ħin bejn is-01.00 hrs u s-02.30 hrs** minn ġewwa **Brother's Confectionery, Triq il-21 ta' Settembru, Naxxar** bil-ħsieb li jagħmlu delitt wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin, għad-dannu ta' **Moawad Ali Moawad Abouhelal** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

18. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Moawad Ali Moawad Abouhelal** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

19. **Fil-lejl ta' nhar it-8 ta' Novembru 2022** minn ġewwa **The Convenience Shop, Triq Ġużè` Orlando, Birkirkara** ikkommettew serq ta' *cigarette vending machine* u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Sanja Petkovic u Clinton Bajada** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

20. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara

ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Sanja Petkovic u Clinton Bajada** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

21. **Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Novembru 2022** minn ġewwa **Triq Wileġ, San Pawl il-Baħar** ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LAB 083 tal-għamla Toyota, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Emily Vassallo** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

22. **Nhar l-10 ta' Novembru 2022, f'xi ħin bejn 00.00 hrs u s-02.30 hrs** minn ġewwa **Diamonds and More, Triq l-Imdina, Ħ'Attard** ikkommettew serq ta' ġojjellerija u diversi oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Mohab Mikhail Fahmi** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

23. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru jew għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **Mohab Mikhail Fahmi** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

24. **Fix-xhur ta' bejn Awwissu 2022 u l-14 ta' Novembru 2022** xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibiegħu jew imexxuhom u ċioe` diversi sigaretti, flus kontanti u oġġetti oħra.

**Vincent Cucciardi** waħdu huwa akkużat talli:

25. Minn nhar is-17 ta' Ottubru sa nhar l-14 ta' Novembru 2022 f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. V. Axiaq LL.D. fid-digriet datat 17 ta' Ottubru 2022, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest.

***Omissis*** akkużat waħdu talli:

26. **Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Awwissu 2022** minn ġewwa **Triq Santa Margerita, San Ġwann** ikkommetta serq ta' pjanċi ta' vettura KIA bin-numru ta' reġistrazzjoni ABS 118, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Mario Borg** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

27. **Fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Awwissu 2022** minn ġewwa **Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar** ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BBX 751 tal-għamla Hyundai, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' **Anton Zarb** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

28. **Nhar is-6 ta' Settembru 2022, f'xi ħin bejn is-01.30 hrs u s-02.30 hrs** minn ġewwa **Rita Restaurant, Triq Lapsi, Siġġiewi** bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu, u li kieku ġie esegwit kien ikun delitt ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin, għad-dannu ta' **David Bondin u Carmela Bondin** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

29. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta' **David Bondin u Carmela Bondin** u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

30. Bejn ix-xhur ta' Awwissu u Novembru 2022, f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D., fid-digriet datat 24 ta' Mejju 2022 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest;

31. Bejn ix-xhur ta' Awwissu u Novembru 2022 f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. A. M. Grima LL.D., fid-digriet datat 16 ta' Ġunju 2022, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest;

32. Minn nhar it-22 ta' Ottubru 2022 sa nhar l-14 ta' Novembru 2022, f'dawn il-Gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. G. Vella LL.D., fid-digriet datat 22 ta' Ottubru 2022, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputati, tarresta mill-ġdid lill-imputati, kif ukoll tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Jannar ,2023, il-Qorti, fejn fuq ammissjoni tiegħu stess sabet lill-imputat **Vincent Cucciardi** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, salv għall-imputazzjoni numru erbgħa u għoxrin (24), inkluż ukoll tal-addebitu tar-reċidiva,u  ikkundannah għall-piena ta' **seba' snin (7) priġunerija**, li minnhom

għandu jitnaqqas iż-żmien illi l-ħati nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-każ odjern. Astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni numru erbgħa u għoxrin (24), stante illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat din l-imputazzjoni bħala alternattiva għar-reati ta' serq, li tagħhom instab ħtija.

Ai termini tal-Artikoli 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, ordnat r-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-ħati mogħti lilu permezz tad-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Victor Axiaq tas-17 ta' Ottubru 2022, kif ikkonfermat b'varjazzjoni mill-Qorti Kriminali b'digriet tad-19 ta' Ottubru 2022, u l-arrest mill-ġdid tal-ħati, u ordnat in oltre l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, ta' parti mill-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fl-istess digriet ossia s-somma ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti depożitu fir-Reġistru ta' din il-Qorti u s-somma ta' ħamest elef ewro (€5,000), rappreżentanti nofs il-garanzija personali li kienet stabbilita fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000), b'dan għalhekk illi ordnat l-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma ta' ħamest elef u ħames mitt ewro (€5,500).

Stante illi ma nġabitx prova dwar il-valur preċiż tar-*res furtiva* u tal-ħsarat ikkaġunati, il-Qorti m'hijiex qed tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali.

Ai termini tal-Artikoli 392Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas nofs l-ispejjeż tal-esperti li ġew nominati fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesti li saru dwar ir-reati li tagħhom instab ħati, l-ammont ta' liema spejjeż għandu jiġi stabbilit mir-Reġistratur hekk kif l-istess esperti jippreżentaw ir-relazzjoni taghhom jew jingħalaq il-proċess verbal, skont il-każ.

L-ewwel Qorti ġibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi illi l-ħati għandu jingħata l-kura u l-għajnuna kollha neċessarja sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, inkluż il-possibilita` illi jsegwi programm residenzjali kontra dan il-vizzju.

L-ewwel Qorti ordnat notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u lid-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza, fiż-żmien mogħti skont il-liġi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Vincent Cucciardi, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fis-26 ta' Jannar ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Preliminarjament, tittrasforma ruħa f'Qorti tad-Droga ai termini tal-Kapitolu 537 u tiddisponi minn dan il-każ skond il-liġi;
- Mingħajr preġudizzju għat talba sueposta, u dan jekk kemm il-darba l-ewwel talba ma tiġix milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti, tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu li l-appellat ġie ikkundannat għall-piena ta' seba' snin (7) priġunerija, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien illi l-ħati nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mal-każ odjern, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'l fuq f'dan l-umli appell, tgħaddi biex tinflinġi piena iktar miti skond il-Liġi li tirrifletti ċ-ċirkostanzi prevalenti tal-każ nnifsu u ta` dawk personali tal-appellant, kif ukoll tilliberah mill-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikoli 392Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali għal raġunijiet kif dedotti f'dan l-umli appell, u dan mhux biss sabiex l- appellant jibda serjament il-mixja lura lejn in-normalita, iżda wkoll fl-aqwa interessi tal-ġustizzja w ssoċjeta` nnifisha;

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**L-Ewwel Aggravju – Eċċezzjoni fuq spejjeż tal-esperti**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lil appellant ai termini tal-Artikoli 392Ċ u 533 talKodiċi Kriminali, sabiex iħallas nofs l-ispejjeż tal-esperti li ġew nominati fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesti li saru dwar ir-reati li tagħhom qed jinstab ħati,

l-ammont ta' liema spejjeż għandu jiġi stabbilit mir-Reġistratur hekk kif l-istess esperti jippreżentaw ir-relazzjoni taghhom jew jingħalaq il-proċess verbal, skont il-każ. Hawnhekk l-appellant umilment jikkontendi li lEwwel Onorabbli Qorti ma kelliex tasal għal tali ordni;

Illi f'dan ir-rigward l-appellant umilment jikkontendi illi l-ordni tal-Ewwel Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikoli 392Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali m'hijiex in konformi mal-interessi tal-ġustizzja u l-prinċipji ta` ġustizzja naturali, u dan għal din is-segwenti raġuni:

Illi primarjament, se jirriżulta ampjament ċar illi l-*corpus* tal-provi f'dina l-kawża ma jinkludix inkjesti relatati mal-investigazzjoni intera tal-każ odjern, u għaldaqstant l-ebda espert ma espleta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Allura f'dan ir-rigward, wieħed leġitimament isaqsi, taħt liema regola l-appellant għandhu jeħel spejjeż ta' periti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali?

Huwa paċifiku li l-Artikolu 392Ċ jikkunsidra xenarji ta` ħlas ta' spejjeż fuq ammissjoni, pero' huwa ċar ukoll li fl-eventwalita' ta' ammissjoni tant bikrija bħal każ odjern, ammissjoni li skond il-prinċipji bażilari tal-ġustizzja stess jimmilitaw favur sabiex jiġi evitat delungar u spejjeż żejda fil-proċess ġudizzjarju, l-Ewwel Onorabbli Qorti bid-dovut rispett kellha tiddiferixxi forsi sakemm jiġu esebiti l-inkjesti bl-ispejjeż kostatati, anki jekk l-appellant jibqa' taħt arrest preventiv. Dak kien l-iktar passaġġ ġust f'tali ċirkostanzi ta' ammissjoni bikrija.

Illi s-suepost jingħad anki fil-kuntest tal-prinċipju *quad non est in acti non est in mundo*. Wieħed jikkontendi, ġaladarba issir ammissjoni, il-proċess kriminali hemm għandhu jippermetti illi s-sistema ġudizzjarja ma ssofrix dewmien żejjed u/jew spejjeż inutli, u b'hekk tkun qiegħda ssir l-aqwa forma ta' ġustizzja spedita. U allura jekk jingħalqu l-

provi awtomatikament bis-sentenzjar, l-appellant m'għandhux jiġi ordnat iħallas ta' evidenza li ma tinsabx fl-atti u m'għandiex lok li ssib ruħha fl-atti skond ir-regoli tal-evidenza.

**It-Tieni Aggravju – Talba għal konverżjoni f'Qorti tad-Droga ai termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta` Malta**

Illi mingħajr preġudizzju għal aggravju preċedenti, l-appellant umilment jitlob lil dina lOnorabbli Qorti sabiex tittrasforma f'Qorti tad-Droga ai termini tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, anki mill-qari biss tas-sentenza appellata, wieħed jirrealizza li rrekwiżiti tal-Artikolu 8 u tal-Artikolu 13 tal-imsemmi Att dwar Dipendenza fuq Droga (Trattament mhux Priġunerija) huma ġia kollha sodisfatti, u dawn huma s-segwenti:

i. l-imputat quo appellat ma ġie akkużat bl-ebda imputazzjoni li tista' twassal għal iktar minn seba' (7) snin priġunerija
ii. kull reat li l-imputat quo appellant ġie akkużat bih huwa kjarament u sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-appellant, u din kif 10 irrikonoxxiet l-Ewwel Onorabbli Qorti fi kliema stess, u dan wara li kkunsidrat ddeposizzjoni tal-Uffiċċjal tal-Probation Odelsey Vella Bayliss fil-konfront tal-istess appellant fil-battalja tiegħu kontra l-vizzju tad-droga, kif ukoll meta rrikonoxxiet li ċertament għandhu jingħata l-għajnuna kollha possibli għal dan il-għan, tant li anki ġibdet l-attenzjoni tal-Aġenzija għal Servizzi Korrettivi;
iii. kull reat kontra li bih l-appellant ġie mixli ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-appellant kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv, u dan jirriżulta kemm fl-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-istess appellant u l-provi prodotti fil-kawża odjerna;

iv. hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-appellant x'aktarx jiġi riabilitat middipendenza fuq id-droga jew li għamel progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles middipendenza mid-droga, u dan jirriżulta ben ċar mix-xiehda tal-imsemmija Uffiċċjal talProbation, element li anki l-Ewwel Onorabbli Qorti rrikonoxxiet;

v. L-ebda element mill-imsemmi Artikolu 13 ma jinkwadra fil-kuntest tal-każ odjern;

Illi allura jidher ben ċar illi l-appellant huwa kandidat idoneu sabiex jibbenifika mid-disposizzjonijiet tal-Kapitilu 537, u dan meta l-kundizzjonijiet personali tiegħu stess, kif ukoll it-traġitt ġuridiku tiegħu, jimmilitaw illi l-appellant huwa persuna li għandhu jirrikorri għal imsemmi Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta` Malta, u dan anki fl-aqwa interessi tal-appellant, talġustizzja u tas-soċjeta in ġenerali.

Illi f'dan il-kuntest għandhu jiġi mfakkar illi anke dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali għandha l-fakolta li tikkonverti ruħha u tassumi funzjoni ta' Qorti dwar id-droga ġaladarba tkun konvinta li l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi jissussistu. Fid-dawl ta' dak hawn mistqarr, qieghda ssir referenza ghal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Assistant Kummissarju) Norbert Ciappara v Mario Zammit**' [1] fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi:

> *"19. B'hekk il-ligi qed tikkontempla sitwazzjoni fejn, jekk qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, mhux necessarjament fl-ewwel stadju tal-proceduri kriminali, tkun sodisfatta illi jikkonkorru r- rekwiziti stipulati fl- istess artikolu, ghandha l-fakoltà li tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga bil-ghan illi tirrijabilita iktar milli tippenalizza lil min ikun akkuzat b'reati konnessi mad-droga. Permezz ta' din il-procedura l-akkuzat ikun jista' jibbenefika minn trattament, u piena,*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta Lulju 2017

*anqas milli kieku gie gudikat mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali talvolta, bhal fil-kaz prezenti jsir appell. Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell u tirrispondi ghar-referenza tal- Qorti talAppell Kriminali billi tiddikjara li n-nuqqas tal-applikazzjoni fil- konfront ta' Mario Zammit tal-Artikolu 8 tal-Att numru 1 tas-sena 2005 f'dan l-istadju ta' appell jkun leziv tad-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 7 tal- Konvenzjoni."*

**It-Tielet Aggravju – Piena Oneruża**

Illi mingħajr preġudizzju għal aggravji sueposti, u jekk kemm il-darba l-aggravju preċedenti ma jsibx akkoljament minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponent ħassu aggravat bis-sentenza odjerna b'mod ċar u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif ppreseduta, permezz tas-sentenża Tagħha kif hawn fuq riferita, inter alia applikat piena ħarxa wisq u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi umli appell u dan għar-raġunijiet segwenti:

i. Il-fatt li l-vizzju akut tad-droga li l-appellant tant kien isofri minnu fiż-żmien tar-reat ġie ben pruvat u għaldaqstant, jekk kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti ma kelliex għażla li ssib ħtija fl-appellat għal imputazzjonijiet kif dedotti kontrih, fuq ammissjoni, kellha anki tikkonsidra ċ-ċirkostanzi li fihom l-appellant involva ruħu f'sensiela ta` serqiet speċifikament biex jiffinanzja l-kilba serja li kellu għal konsum tad-droga f'dak il-punt f'ħajtu, inkluż iċ-ċirkostanzi soċjali u legali tiegħu li huma ben spjegati fil-provi miġjuba minnu fosthom ix-xiehda tal-imsemmija;

**ii.** Il-fatt li anki mill-provi miġjuba mill-appellant, jirriżulta illi sar progress sostanzjali fiċ-ċirkostanzi personali tiegħu w r-relazzjoni mal-liġi w l-awtoritajiet (u dan anki bilmod kif ikkopera mal-awtoritajiet fil-mori tal-

investigazzjoni tal-każ odjern), u għaldaqstant piena karċerarja estensiva ċertament ma tkunx ta` benefiċċju kemm għal imputat u kemm għal interessi tal-ġustizzja stess li tant jagħfsu fuq l-aspett riabilittativ, speċjalment tal-persuni li nqabdu fix-xibka ta` kriminalita minnħabba l-vizzju tad-droga;

Illi fil-kawża '**Il-Pulizija vs Stephen Spiteri'**[2], ġie ritenut illi:

> *"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki taccirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t- triq it-tajba"*

Fil-kawża "**Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et.,** [3] ġie stabbilit li "*Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta Settembru , 2003.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta Novembru 2008.

*window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija."*

Illi fis-seduta tas-27 ta' April 2023 id-difiża għamlet referenza għat-tieni aggravju tagħha kif stipulat fir-rikors tal-appell tagħha u għalhekk talbet li tippreżenta nota bix-xhieda in sosten tat-talba li bi ħsiebu jressaq. Dr Ramon Bonnett Sladden għall-Avukat Generali iddikjara illi tali talba ma tistax tiġi milqugħha peress illi ma tissodisfax ir-rekwizit tal-Artikolu 8 (2) (c) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lil **Dr Joseph Spiteri** jixhed nhar il-11 ta' Mejju 2023 u spjega li ma setax jiġbor in-noti li hemm dwar l-appellant il-ħabs peress li m'għadux jaħdem bħala tabib psikjatriku tal-ħabs pero ġab miegħu dawk li jinżammu fl-Isptar Monte Carmeli. Ikkonferma li nhar l-1 ta' Frar 2013 kien daħħal lill-appellant fl-Isptar Monte carmeli u dan skond ir-rieda tiegħu stess għal detoxification u treatment. Kien sab li dan kellu abbuż ta' kokaina u anke eroina. Huwa kien baqa' hemm sat-18 ta' Marzu 2013. Pero jaf li kien reġa daħal l-Isptar f'okkażjonijiet oħra.

Spjega li meta kien daħal l-Isptar Monte Carmeli fl-1 ta' Frar 2013 kien qed ibagħti minn depressjoni. Jgħid li wara li kien ġie rilaxxjat kien ġie ammess fil-forensic ward u dan meta kien taħt arrest nhar it-22 ta' Marzu 2013 u baqa' hemm sat-12 ta' Lulju 2013. Huwa kien instab diversi drabi pożittiv għal kokaina u l-eroina ingħat it-treatment għal withdrawals tal-Eroina u minn dak iż-żmien 'l quddiem ma baqax jarrah hu. Bdiet tarah Dr Maria Axiaq bħala Konsulenta u skond in-noti kien reġa daħal l-Forensic Ward trasferit mill-ħabs fis-16 ta' Awwissu 2014 u għamel hemm sad-19 ta' Awwissu 2014. Dak iż-żmien kien qiegħed hemm mhux minħabba droga iżda għaliex kien depressed ħafna u kellu l-ħsieb li jgħamel ħsara lilu innifsu.

Semgħet lil Psikjatra **Dr Maria Axiaq** tixhed nhar is-6 ta' Ġunju 2023 u kkonfermat li l-appellant kien daħal taħtha fil-Forensic Ward nhar is-16 ta' Awwissu 2014 u baqa' hemm sad-19 ta' Awwissu 2014 u dan wara li kien hedded li jgħamel ħsara lilu innifsu ġewwa division tal-ħabs kien instab posittiv għad-droga. Reggħet ratu hija stess ġewwa il-konfini tal-ħabs nhar it-22 ta' Awwissu 2014.

Tgħid li fil-preżent qed jarrah Dr Joseph Saliba. L-aħħar darba li kien rah kien fl-24 ta' Marzu 2023 u dan tafu għax qed taqra minn-noti tal-file miżmum il-ħabs stess. Ikkonfermat li l-aħħar darba li kinet ratu kien fis-sena 2014.

Semgħet ill-Uffiċjal tal-**Probabtion Odelsie Bayliss** tixhed nhar is-6 ta' Ġunju 2023 u spejgat li kient ilha issegwi lill-appellant fuq Ordni ta' Probation li ġiet mogħtija lilu fid-29 ta' Awwissu 2022. Tgħid li ma tantx kellha żmien issegwieh fil-komunita minħabba li ftit wara li ingħata din l-Ordni tal-Probabtion weħel il-ħabs. Jiġifieri segwietu ftit waqt li kien fuq barra għaliex imbagħad daħal il-ħabs mill-ewwel. Fis-sessjonijiet li jkollhom tgħid li Cucciardi huwa konxju li għandu problema ta' droga. Tgħid li dejjem sostna magħha li xtaq jindirizza din il-problema. Fil-fatt fil-bidu li kien ingħata l-ordni tal-Probabtion li qed titkellem fuqha kien ġie riferut mid-Dipartiment tagħhom biex jibda jibbenefika mis-servizzi tas-Sedqa fejn wara ġie allokat *key worker* fejn qed jiġi segwit mill-key worker tas-Sedqa Matthew Calleja. Tgħid li fil-present mill-*feedback* li ħadet mis-sur Matthew Calleja hija li qed imur iżuru l-ħabs u qed jiġi *assessed* u qed tistenna biex tara kif ser tispiċċa s-sitwazzjoni tiegħu biex tara fejn ser jittieħed għar- rehabilitation.

Tgħid li magħha dejjem ikkoopera u dejjem tkellem waqt is-sessjonijiet u dejjem wera intenzjoni li jirranġa ħajtu. Tgħid l-Urine tests li għandha huma ta meta kien daħal il-ħabs u kienu imċapsa dak iż-żmien. Kien daħal il-ħabs fiż-żmien ta' meta ingħata din is-sentenza u ilu hemm mid-9 ta' Jannar 2023. Għalhekk sitt xhur ilu kellu riżultat pożittiv għal preżenza ta' droga fl-awrina tiegħu.

Semgħet lil **Dr Joseph Saliba** jixhed nhar il-25 ta' Lulju, 2023 jgħid li l-ewwel darba li ra lill-appellant kien f'Diċembru 2022 meta kien qed isofri minn mard mentali relatat mal-vizzju tiegħu ta' abbuż ta' droga. Iżda jgħid ukoll li l-appellant ibgħati minn sintomi ta' depressjoni. Jgħid li l-appellant ilu isofri mill-vizzju ta' droga għal żmien twil. Meta l-appellant ikun f'ambjent konfinat ma jkunx espost għal riskji ta' abbuż ta' droga bħalikieku jkun meta jkun fuq barra l-ħabs. Imma f'ambjent protet tal-ħabs qiegħed stabbli sejjer tajjeb bil-kura. Qiegħed jieħu anti-depressants, qiegħed fuq doża stabbli ta' methadone ta' 40cc u qiegħed fuq mediċina oħra li tgħinu jorqod bil-lejl u jżżommu stabbli. Jiddiskuti miegħu li x-xewqa tiegħu hi li jmur għal programm ta'

Santa Marija u kif qiegħed bħal issa jekk ikun għadu l-ħabs għandu jaraħ f'Awwissu jekk ikun mar il-programm ta' Santa Marija ħalla struzzjonijiet biex jibqa' fuq l-istess kura. Jgħid li qed juri motivazzjoni biex jmur għal programm.

Semgħet lil David Mellors jixhed nhar il-25 ta' Lulju 2023 u qal li kemm ilu l-ħabs it-testijiet tal-awrina tiegħu kollha taw riżultat negattiv għal preżenza ta' droga. Kien pożittiv għad-droga meta kien ġie ammess il-ħabs u dan għal Kokaina u għal Morphine Opiates. Fi Frar 2023 kellu rapport li ma kienx qed jobdi mar-regolamenti u għalhekk kellu jiffaċċja il-Bord.

L-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi ssegwenti:-

(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiettas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għaddipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali –

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; u

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

Dan il-każ jolqot it-tieni xenarju ċjoe fil-każ ta' reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija. F'dan il-każ ir-reati li tagħhom instab ħati jikkwalifikaw fit-termini talartikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiż-żewġt ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :

a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Il-kriterja imsemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 huma dawn :-

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv.

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

Din il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless tal-provi prodotti f'dan il-każ ir-rikorrent ma jissodisfax l-grad ta' prova meħtieġ minnu biex jipprova l-estremi tal-artikolu 8(1)(2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ tiegħu.

Jirriżulta li l-appellant ilu maħkum bil-vizzju tad-droga sa mis-sena 2006 meta skond il-fedina penali tiegħu instab ħati ta' diversi reati konnessi ma' pussess ta' droga mediċina psikotorpika u ristretta, pussess tad-droga Kokaina, pussess tad-droga Eroina u darba oħra fis-sena 2012 instab ħati ta' pussess aggravat tad-droga Kokaina u minkejja dan qatt ma beda xi programm. Illi din il-Qorti semgħet il-provi imresqa mid-difiża u ċioe Dr Joseph Spiteri li stqarr li kien ra lill-appellant fis-sena 2013 meta kien qed ibagħti minn depressjoni u stqarr li kien jaf li kien ukoll maħkum bil-problema ta' abbuż ta' droga. Semgħet lil Dr Claire Axiaq li ukoll stqarret li kienet rat lill-appellant minħabba li kellu problem ta' droga u li kien qed jhedded li kien ser jgħamel ħsara lilu innifsu meta kien detenut il-ħabs. Semgħet lil Dr Joseph Spiteri jgħidli kien eżaminah fis-sena 2022 meta għal darba oħra kien il-ħabs u ukoll irriskontra li kellu problema akuta ta' abbuż ta' droga. Illi l-Probabtion officer li qed isegwih fuq ordni ta' Probation ukoll stqarret li taf li l-appellant hu maħkum bil-vizzju ta' droga. Illi jirriżulta li kemm ilu detenut il-ħabs l-appellant kellu l-urine tests tiegħu negattiv ghall-preżenza ta' droga. Din il-Qorti ma tistax tistrieh pero fuq tali prova u dan għaliex waqt li qiegħed fil-konfini tal-ħabs huwa ferm diffiċli għalih li jieħu d-droga.

Illi jirriżulta kif stqar Dr Joseph Saliba li l-appellant għadu qed jieħu il-methadone biex jindirizza il-problema ta' withdrawals. Illi ma jirriżultax li l-appellant f'xi ħin jindirizza din il-problema b'xi kura partikolari. Lanqas ma jirrizulta li talab l-għajnuna tad-Detox jew ta' xi istituzzjoni oħra bħal Oasi, Sedqa jew Caritas. Għalhekk għadu wisq prematur biex jingħad li fil-fatt li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamel progress jew sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza mid-droga.

Konsegwentement din il-Qorti qeda tiċħad it-talba tal-appellant għal konverzjoni għal Qorti ta' Droga.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**